MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2008

Numru. 1372/2007

Il- Pulzija
(Spettur Joseph Agius)

-vs-

Charlot Briffa

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Charlot Briffa ta' 26 sena, iben Joseph u Maria Victoria nee' Cutajar, imwieled Pieta', fl-20 ta' Ottubru, 1981 u detentur tal-karta tal-Identita b'numru 579981 (M) u residenti 'Dwejra", Triq id-Dejma, Fgura.

Akkuzat talli nhar is-17 ta’ Ottubru, 2007 flimkien ma’ persuna ohra, ghal habta tas- 14.00 gewwa Hal Far, ikkemmetta jew assista ghal serq ta’ Stereo tal-marka Alpine mill-vettura tal-marka V Wagon Passat bin-numru tar-registrazzjoni JMA 666 li jiswa il’ fuq minn LM100 izda mhux izjed minn LM500 ghad-dannu ta’ Joseph Aquilina minn Hal-Lija bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema serq hu aggravat bil-mezzi meta sar minn fuq vettura jew vetturi f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghal pubbliku jew fuq xi parti jew accessorju ta’ jew fuq xi haga li tkun go dik il-vettura tal-artikolu 271 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 42 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkustanzi, xjentement f’Malta laqa’ ghandu jew xtrara hwejjeg misruqa jew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod indahal biex jbieghhom jew imexxihom, bi ksur tal-artikolu 334 (a) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U akkuzat ukoll talli huwa recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta ippreseduta mill-Magistrat Dr.D.Montebello LL.D.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta t-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu waqt l-udjenza mizmuma llum 14 ta’ Jannar 2008.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-ufficjal prosekutur li l-ewwel imputazzjoni kienet alternattiva ghat-tieni imputazzjoni.

Rat l-artikoli 49, 50, 51, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a), 280 (1) u 334(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi f'l-udjenza ta' llum 14 ta' Jannar 2008 l-imputat ammetta t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-ewwel imputazzjoni hija alternattiva ghat-tieni ghalhekk l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll l-fedina penali tieghu li ghalkemm mhiex netta lanqas m'hi wahda allarmanti zzejjed.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-problemi medici li ghandu l-imputat u l-fatt li huwa ser jibda programm ta' riabilitazzjoni fi hdan il-fondazzjoni Oasi fi Frar ta' din is-sena.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 49, 50, 51, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a), 280 (1) u 334(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' sentejn (2). L-imputat huwa ordnat biex fi Frar jibda il-programm ta' riabilitazzjoni mal-fondazzjoni Oasi liema programm huwa ghandu jkompli jsegwi sa tmiemu. Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-ewwel imputazzjoni peress illi din hija alternativa ghat-tieni imputazzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentejn u jekk ma josservax l-ordnijet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------